# Ġużè Ellul Mercer

*Tagħrif miġbur minn Franco Ebejer (Segretarju)*

**BIJOGRAFIJA**



Ġużè Ellul Mercer twieled nhar it-22 ta' Marzu 1897. Kien l-ewwel wild tal-familja Ellul Mercer fost tnax. Missieru Salvu u ommu Jane, magħrufa aħjar bħal Jinny kellhom negozju żgħir tax-xorb li huma ħadu mingħand il-ġenituri ta' Salvu. Kellu trobbija tajba fejn ommu, li kienet mara brava ħafna irsistiet biex 'l uliedha tagħtihom l-aħjar tagħlim u edukazzjoni li kien hawn f'dawk iż-żminijiet, kemm fid-dar, kif ukoll fl-iskejjel. Ġużè ħa l-edukazzjoni primarja tiegħu fl-iskola tal-Gżira, wara attenda il-Kulleġġ Flores, u temm l-istudji sekondarji tiegħu fil-Liċeo.

Bħall-kumplament tal-Ewropa, Malta għexet l-Ewwel Gwerra Dinjija. F'dan il-perjodu, Ġużè kien diġà rifes l-għatba tax-xogħol u beda jitqanqal fih l-interess politiku. Narawh bħala impjegat tal-gvern fejn b'tant ħila u għaqal irnexxielu jtejjeb il-grad tax-xogħol tiegħu. Saħansitra tela' fil-kariga ta' *Chief Clerk* fl-1950.

Fl-1924 issieħeb mal-kumitat Laburista tal-Imsida, u erba' snin wara narawh bħala assistent editur ta' ġurnal tal-istess partit bl-isem ta' *Il Cotra*. Fl-1930, laħaq editur. F'dawn iż-żminijiet, ir-relazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-knisja u l-Partit Labursita ma kinux pjaċevoli. Fl-1928, Ellul Mercer kiteb serje ta' buzzetti bl-isem ta' 'Il-Hrejjef ta' Barraminu' u dawn ġew ikkundannati bl-aħrax mill-awtoritajiet ekklesjastiċi.

Saħħet Ġuże ma kenitx xi waħda tajba. Sa minn età relattivamet żgħira, dan il-bniedem beda jiltaqa' ma' problemi f'qalbu. Tant hu hekk li nsibu korrispondenza li għaddiet bejn Ellul Mercer u l-Eżekuttiv tal-Partit Laburista sabiex jiġi skużat minn laqgħat li saru u hu m'attendiex. Ir-raġuni kienet li kien iħossu ma jiflaħx. Madanakollu, xorta baqa' involut fil-Partit Laburista. Fl-1947, meta il-Partit tal-Ħaddiema inqasam bejn dawk li jappoġġjaw lit-tabib Pawlu Boffa u dawk li jappoġġaw lill-Perit Duminku Mintoff, Ellul Mercer mar ma' dan tal-aħħar. Ikkontesta l-ewwel elezzjoni fl-1950 iżda ma telax. Fil-ħames snin ta' wara saru tliet elezzjonijiet oħra, waħda fil-51, 53 u 55. F'dawn l-elezzjonijiet, Ellul Mercer kien elett dejjem mill-ħames distrett li kien magħmul mill-Gżira, l-Imsida, Tas-Sliema u San Ġiljan. Wara l-elezzjoni tal-1955, il-Prim Ministru Duminku Mintoff ħatae lil Ġużè Ellul Mercer bħala Ministru tax-Xogħlijiet u Rikostruzzjoni u fid-9 ta' Marzu tal-istess sena nħatar ukoll bħala Deputat Mexxej tal-Partit Laburista. Ġużè Ellul Mercer kellu viżjoni tas-soċjetà Maltija. Ried jeduka 'l-poplu u joħorġu mill-injoranza. Din il-filosofija kienet ukoll riflessa fil-kitbiet letterarji tiegħu. Fit-tliet snin li dam ministru nbnew xejn anqas minn 18-il skola ġdida u saru estensjonijiet f'ħafna oħrajn, sabiex it-tfal, u anke l-kbar ikollhom postijiet fejn jitgħallmu u jieħdu l-edukazzjoni tagħhom.

Ellul Mercer jibqa' imfakkar ukoll bħala kittieb. Beda b'sensiela ta' novelli satiriċi fl-1927. Fost ix-xogħolijiet tiegħu insibu *La Toqtolx, Siltiet mir-Rivoluzzjoni Franċiża ta' Carlyle, Ħrejjef ta' Mingħul, Għall-Imħabba, Għadd ta' Stejjer Qosra* u *Naħal u Friefet*. Iżda bla dubju ta' xejn, l-aktar żewġ kitbiet li għalihom jibqa' mfakkar dan l-awtur huma *Taħt in-Nar* – djarju tal-ewwel sena tat-Tieni Gwerra Dinjija u *Leli ta' Ħaż-Żgħir* li nkiteb fl-1938 – rumanz psikoloġiku, l-ewwel wieħed tax-xejra tiegħu li kien għadu nkiteb hawn Malta. F'din il-kitba, Ellul Mercer jikkritika bil-qawwa kollha is-soċjetà Maltija ta' qabel il-gwerra fejn il-poplu kien maħkum minn faqar intellettwali kbir. Saħansitra, min kien jipprova jitgħallem kien jiġi kkunsidrat bħala miġnun, kif ġralu Leli, il-karattru prinċipali f'dan ir-rumanz. Fl-1982 ġiet ippubblikata Ġabra ta' Xogħlijiet ta' dan l-awtur.

Ġużè Ellul Mercer miet fit-22 ta' Settembru tal-1961. Minħabba l-kwistjoni politiko-reliġjuża li kienet għaddejja f'dawk iż-żminijiet, indifen fiċ-ċimiterju tal-Addolorata fil-parti li mhux ikkonsagrata. Fir-raħal tagħna nsibu mafkar għal dan il-politiku u kittieb maħdum mill-iskultur Anton Agius.

